

Brussell, 7 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10102/19

TELECOM 252
DIGIT 112
CYBER 197
COMPET 482
RECH 322
PI 96
MI 503
EDUC 293
FISC 288

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: - *Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija tas-7 ta' Ġunju 2019*
Konklużjonijiet dwar il-Futur ta' Ewropa b'diġitalizzazzjoni għolja wara l-2020: "Tingħata spinta lill-kompetittività diġitali u ekonomika mal-Unjoni kollha u lill-koeżjoni diġitali"
- *Adozzjoni*

Id-delegazzjonijiet isib fl-Anness it-test tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill "il-Futur ta' Ewropa b'diġitalizzazzjoni għolja wara l-2020: "Tingħata spinta lill-kompetittività diġitali u ekonomika mal-Unjoni kollha u lill-koeżjoni diġitali", kif adottati mill-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija fil-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2019.

**IL-FUTUR TA' EWROPA B'DIĠITALIZZAZZJONI GĦOLJA WARA L-2020:
TINGĦATA SPINTA LILL-KOMPETITTIVITÀ DIĠITALI U EKONOMIKA MADWAR
L-UNJONI KOLLHA U LILL-KOEŻJONI DIĠITALI**

IL-KUNSILL TAL UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' April 2019 "Nibnu l-Fiduċja fl-Intelliġenza Artifiċjali Ċċentrata fuq il-Bniedem",
- il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 u t-22 ta' Marzu 2019 dwar l-impjiegi, it-tkabbir u l-kompetittività,
- il-Laqgħa Ministerjali Informali ta' Bukarest tal-1 ta' Marzu 2019 dwar il-futur ta' Ewropa b'diġitalizzazzjoni għolja wara l-2020,
- il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2019 dwar il-pjan koordinat dwar l-intelliġenza artifiċjali,
- il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2018 dwar il-Pjan Koordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u l-anness tagħha bit-titolu "Pjan Ikkoordinat dwar l-Iżvilupp u l-Użu tal-Intelliġenza Artifiċjali Magħmula fl-Ewropa - 2018",
- il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2018 dwar ir-Rapport Speċjali Nru 12/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Broadband fl-Istati Membri tal-UE: minkejja l-progress li sar, mhumiex ser jintlaħqu l-miri kollha ta' Ewropa 2020".
- il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2018 dwar it-tisħiħ tal-kontenut Ewropew fl-ekonomija diġitali,
- ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-5 ta' Ġunju 2018 Nru 12/2018: "Broadband fl-Istati Membri tal-UE: minkejja l-progress li sar, mhumiex se jintlaħqu l-miri kollha ta' Ewropa 2020",
- il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' April 2018 dwar l-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ewropa,

- id-dikjarazzjoni ta' Tallinn dwar il-Gvern elettroniku tas-6 ta' Ottubru 2017,
 - il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Mejju 2017 dwar l-analiżi ta' nofs it-terminu tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar is-Suq Uniku Diġitali "Suq Uniku Diġitali Konness għal Kulħadd",
 - Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2016 dwar "Konnettività għal Suq Uniku Diġitali Kompetittiv - Lejn Soċjetà Ewropea tal-Gigabits",
 - il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2015 dwar "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa".
1. JENFASIZZA BIL-QAWWA li d-diġitalizzazzjoni hija essenzjali għall-kompetittività, l-iżvilupp ekonomiku, il-koeżjoni u s-sigurtà tal-Ewropa. L-indirizzar tal-opportunitajiet u tal-isfidi relatati mad-diġitalizzazzjoni huwa għalhekk kompitu mill-aktar urġenti għall-Ewropa. Il-vantaġġ kompetittiv tal-UE jinsab f'ekonomija diġitali sostenibbli u mmexxija mill-bniedem. Irridu niżguraw li ċ-ċittadini Ewropej kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw kemm jista' jkun minn dan il-proċess u li n-negozji Ewropej kollha, irrispettivament mid-daqs, il-post u t-tip tagħhom jistgħu jikbru u jikkompetu globalment, li ħadd ma jibqa' lura fit-trasformazzjoni diġitali, li l-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi kkunsidrata fl-oqsma kollha tad-diġitalizzazzjoni, inkluż it-titjib tal-għadd ta' nisa fit-teknoloġija, u li l-gruppi vulnerabbli kollha jaħsdu l-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni;
 2. IFAKKAR fl-isforzi intensivi tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-UE kompetenti biex joħlqu Suq Uniku Diġitali reali. JENFASIZZA r-riżultati tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali u JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiżguraw l-implimentazzjoni u l-infurzar effiċjenti tar-regoli tal-UE. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tqis l-ostakli transkonfinali mhux ġustifikati u tevalwa l-effikaċja u l-konsistenza tal-leġislazzjoni eżistenti. Din il-valutazzjoni komprensiva tal-qafas regolatorju eżistenti għandha timxi flimkien ma' approċċ immirat, aġli, ibbażat fuq il-fatti, u li jsolvi l-problemi, fejn meħtieġ segwit minn azzjonijiet xierqa;

3. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tkompli tressaq flimkien il-partijiet interessati, fi proġetti u ekosistemi kollaborattivi, u tiżviluppa pjanijiet ta' azzjoni Ewropej fit-tul, filwaqt li tqis il-prijoritajiet tal-Istati Membri. JISTIEDEN lill-istituzzjonijiet kompetenti tal-UE biex jaġixxu b'mod konġunt u b'mod ikkoordinat bil-ħsieb ta' politika diġitali orizzontali u li tħares 'il quddiem, li tkun ibbażata fuq l-evidenza, tippromwovi s-sigurtà permezz tad-disinn u tippermetti li jkun hemm teknoloġiji u mudelli kummerċjali ġodda mingħajr ma jiġu imposti piżijiet u spejjeż żejda u mingħajr ostakli għall-innovazzjoni. Huma għandhom iżommu f'moħħhom il-ħtieġa li jsaħħu l-fiduċja u s-sigurtà diġitali, li tinkludi kemm il-prodotti u s-servizzi tal-ICT, kif ukoll li jimminimizzaw il-frammentazzjoni tas-Suq Uniku, bil-għan li jkun hemm qafas Ewropew effiċjenti, trasparenti u koerenti;
4. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplimentaw approċċ integrat li jindirizza l-opportunitajiet u l-isfidi attwali u emerġenti, b'mod partikolari billi tkompli tiġi żviluppata d-dimensjoni mingħajr fruntieri tal-ekonomija diġitali u l-użu ta' applikazzjonijiet u infrastruttura diġitali, filwaqt li ċ-ċittadini jingħataw is-setgħa u jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet tagħhom għall-privatezza, il-kunfidenzjalità tad-data tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u l-protezzjoni tad-data personali, il-protezzjoni tal-konsumaturi kif ukoll tal-innovaturi u l-ħallieqa, b'mod partikolari permezz tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, l-iffaċilitar tal-aċċessibilità, l-iffaċilitar tal-kummerċ trankonfinali inkluż permezz ta' armonizzazzjoni mmirata u rikonoxximent reċiproku, it-titjib tat-teknoloġiji ewlenin, l-iżvilupp tan-netwerk ta' Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali Ewropej, il-promozzjoni tal-opportunitajiet għall-SMEs u n-negozji ġodda biex jespandu, isiru diġitalizzati sew u jieħdu sehem f'katini tal-valur globali. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimpenjaw ruħhom sabiex jippromwovu l-kompetittività globali u s-sovranià diġitali tas-soċjetajiet ċivili fl-Ewropa;
5. JIRRIKONOXXI li ekosistema diġitali vibranti, li tinkludi negozji ta' kull daqs, hija meħtieġa biex tkun żgurata ekonomija diġitali sostenibbli. JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ il-kundizzjonijiet qafas tajbin sabiex isaħħu l-kapaċità tan-negozji Ewropej li jespandu, li min-naħa tagħhom ser joħolqu opportunitajiet għal kumpaniji innovattivi iżgħar biex jikbru fis-suq uniku u biex in-negozji diġitali joperaw globalment;

6. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li:

- jitneħħew ostakli mhux ġustifikati għall-innovazzjoni u t-tkabbir, filwaqt li għandhom jiġu salvagwardjati l-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, id-diversità kulturali u lingwistika, id-drittijiet u l-opportunitajiet biex jinkisbu l-aktar ħiliet u għarfien diġitali reċenti u interessi ġenerali oħra.
- l-Ewropa ssir spazju li jiffaċilita l-iżvilupp ta' kumpaniji diġitali ġodda fl-UE li għandhom il-potenzjal li jsiru l-ixprun diġitali globali tal-futur. F'dan ir-rigward, l-Ewropa għandha tnaqqas l-ostakli finanzjarji u amministrattivi mhux ġustifikati għall-intraprenditorija diġitali, kif ukoll tiżviluppa, tattira u żżomm it-talent biex tingħata spinta lill-ħolqien u l-espansjoni ta' negozji ġodda Ewropej.
- jiġu żgurati kundizzjonijiet għal kompetizzjoni ġusta u libertà effettiva tal-ġażla tal-konsumatur fi kwistjonijiet diġitali, fost l-oħrajn permezz ta' infurzar effettiv ta' liġi tal-kompetizzjoni li tibqa' valida fil-futur, inkluż eżami dwar jekk il-qafas tal-kompetizzjoni jeħtieġx li jiġi aġġornat, filwaqt li jiġi ggarantit suq uniku diġitali kompetittiv u innovattiv.
- tadatta s-sistemi ta' tassazzjoni tagħna għall-era diġitali, filwaqt li tiżgura tassazzjoni ġusta u effettiva, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2018 u t-22 ta' Marzu 2019,

7. JENFASIZZA SEW li l-kapaċità taċ-ċibersigurtà tal-Ewropa għandha tissaħħaħ sabiex jiġu protetti l-infrastrutturi, il-prodotti, is-servizzi u l-utenti diġitali tagħha, u l-kompetittività globali u s-sovranià diġitali tagħha. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu implimentati u infurzati bis-sħiħ ir-regoli eżistenti li jiżguraw livell għoli ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha. JENFASIZZA l-importanza li jiġu żviluppati entitajiet rilevanti taċ-ċibersigurtà miftuħa għas-settur privat u għal dak pubbliku, tiżdied ir-reżiljenza ċibernetika u tissaħħaħ il-kapaċità teknoloġika u industrijali u li ċ-ċibersigurtà tinbidel f'vantaġġ kompetittiv għall-kumpaniji Ewropej u l-ħtieġa li jittejbu s-sinerġiji bejn is-settur privat u s-settur pubbliku fil-livell Ewropew, fir-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ġodda fil-qasam taċ-ċibersigurtà;

8. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati u indirizzati b'mod adegwat l-opportunitajiet u l-isfidi tad-diġitalizzazzjoni għall-protezzjoni ambjentali, tal-klima u tan-natura permezz ta' strumenti ta' politika mmirati fil-livell tal-UE, u li b'hekk jikkontribwixxu għal approċċ sostenibbli għad-diġitalizzazzjoni fl-UE;

9. JIRRIKONOXXI li l-intelliġenza artifiċjali¹ u teknoloġiji ġodda oħra jistgħu jikkontribwixxu għal ekonomija aktar effiċjenti u kompetittiva billi jsaħħu n-negozji Ewropej permezz tal-ottimizzazzjoni tal-proċessi tagħhom li twassal għall-ixprunar tal-kompetittività tagħhom. JENFASIZZA li dawn it-teknoloġiji jistgħu jsolvu sfidi soċjetali ewlenin, bħal -titjib fil-kura tas-saħħa, inkluż ir-rispons għall-isfidi ta' soċjetajiet li qed jixjieħu, il-kisba ta' sistema ta' protezzjoni soċjali sostenibbli, is-sigurtà tal-ikel u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. JENFASIZZA l-importanza li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tad-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej kif ukoll li tittejjeb il-fiduċja tal-konsumaturi u tal-utenti billi jiġu pilotati linji gwida etiċi għall-iżvilupp u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, biex b'hekk l-etika fl-intelliġenza artifiċjali ssir vantaġġ kompetittiv għall-Ewropa. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-evalwazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti sabiex tilqa' l-isfidi u l-opportunitajiet li jirriżultaw minn żviluppi teknoloġiċi ġodda inter alia biex jinholq qafas affidabbli għal implimentazzjoni ċentrata fuq il-bniedem ta' intelliġenza artifiċjali li tissalvagwardja l-prinċipji etiċi u l-valuri bażiċi. JAPPOĠĠA l-isforz tal-Kummissjoni biex tressaq approċċ etiku tal-UE fix-xena globali u JINKORAĠĠIXXI l-promozzjoni tagħha f'inizjattivi internazzjonali dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, bħal dik tal-OECD u tal-Panel Internazzjonali dwar l-Intelliġenza Artifiċjali;
10. JAPPELLA BIL-QAWWA għal politika Ewropea li kemm tappoġġa l-innovazzjoni kif ukoll trawwem it-teknoloġiji diġitali Ewropej ewlenin, mhux biss li jiffaċilitaw l-iżvilupp u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, iżda li jiżguraw ukoll l-integrazzjoni tagħha fil-proċessi interni tal-kumpaniji ta' kull daqs: in-negozji l-ġodda, l-SMEs u n-negozji li qed jespandu, kif ukoll jiżguraw il-kooperazzjoni internazzjonali sabiex l-Ewropa ssir mexxejja dinjija f'dan is-settur. JENFASIZZA l-ħtieġa għal investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni u fl-infrastrutturi tat-teknoloġija kif ukoll il-promozzjoni u l-finanzjament tal-intraprenditorija diġitali sabiex il-kumpaniji jkunu jistgħu jespandu u jiskjeraw b'suċċess teknoloġiji diġitali ewlenin bħall-intelliġenza artifiċjali fuq skala globali;

¹ Id-dokument tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali tat-8 ta' April 2019: Linji Gwida dwar l-Etika għal IA Affidabbli.

11. JENFASIZZA r-rwol kruċjali ta':

- l-adozzjoni ta' approċċ iċċentrat fuq il-bniedem, li jirrispetta l-valuri etiċi msejsa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u, filwaqt li jirrikonoxxi l-libertà ta' intrapriża, jiżgura r-rispett tal-privatezza, id-drittijiet tal-protezzjoni tad-data u d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u l-iżgurar ta' regoli dwar is-sikurezza u r-responsabbiltà tal-prodotti,
- it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-UE, internazzjonali u b'diversi partijiet interessati b'kontribut għal rwol attiv fid-diskussjonijiet internazzjonali u għat-tisħiħ tal-approċċ tal-UE fix-xena globali,
- il-parteċipazzjoni fl-iżvilupp ta' standards tekniċi għat-teknoloġiji diġitali,
- l-iskambju tal-aħjar prattiki filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet leġittimi għal kunfidenzjalità kummerċjali,
- l-adozzjoni ta' approċċ koerenti għall-kondiviżjoni tad-data li jappoġġa wkoll lin-negozji Ewropej, inkluż l-SMEs, in-negozji l-ġodda u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja,
- l-għajnuna lis-settur pubbliku biex jadotta soluzzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali, u jtejjeb il-fiduċja fost il-gvernijiet, iċ-ċittadini u l-kumpaniji;

12. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-konnettività għall-ekonomija Ewropea. JIRRIKONOXXI, barra minn hekk, il-ħtieġa li jitnaqqas id-distakk diġitali u li jiġu promossi l-inklużività, l-effiċjenza u l-innovazzjoni soċjali u ekonomiċi, u li jiġu konnessi, fejn meħtieġ, ir-reġjuni, l-industriji, l-amministrazzjonijiet u ċ-ċittadini anqas konnessi, inkluż il-komunitajiet b'introjtu baxx u dawk rurali u dawk tar-reġjuni ultraperiferiċi, filwaqt li jiġu żgurati l-emanċipazzjoni, l-inklużjoni u l-użu akbar ta' teknoloġiji diġitali avvanzati miċ-ċittadini, in-negozji, speċjalment l-SMEs u l-awtoritajiet pubbliċi. JAPPELLA lill-Kummissjoni Ewropea biex tirvedi u jekk ikun meħtieġ taġġorna l-"Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mal-implimentazzjoni rapida tan-netwerks tal-broadband" sabiex tappoġġa l-kisba tal-għanijiet tas-Soċjetà tal-Gigabits u tiżgura t-trattament ta' prenotifiki u ta' notifiki f'perijodu ta' żmien raġonevoli, peress li l-użu rapidu tat-teknoloġiji diġitali emerġenti, inkluż il-broadband veloċi ħafna, huwa kruċjali għall-kompetittività globali Ewropea;

13. JISSOTTOLINJA li l-Ewropa jenħtieġ tibbenefika mill-opportunitajiet filwaqt li tkompli tħejji s-soċjetà tagħha għall-isfidi soċjoekonomiċi li ġejjin mit-transizzjoni diġitali u tippreserva d-diversità kulturali u lingwistika, filwaqt li tqis l-ispeċifitàjiet lokali kif ukoll internet miftuħ u ġust;
14. JIRRIKONOXXI li għandu jiġi żgurat, għall-benefiċċju ta' kulħadd, l-iżvilupp diġitali, inkluż l-iżvilupp ta' ħiliet diġitali (pereżempju l-ħiliet diġitali meħtieġa għas-setturi u s-servizzi industrijali, iċ-ċibersigurtà u teknoloġiji emerġenti ewlenin bħall-intelliġenza artifiċjali u l-informatika ta' prestazzjoni għolja), u b'hekk jiġi evitat id-distakk diġitali u jinħolqu l-kundizzjonijiet għal ekonomija diġitali aktar inklużiva. L-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, il-protezzjoni soċjali ta' forom ġodda ta' xogħol, inkluż għal gruppi vulnerabbli, kif ukoll id-drittijiet soċjali tal-ħaddiema għandhom ikunu kwistjonijiet ċentrali, adottati bl-aħjar mod fi strateġija nazzjonali għat-tagħlim tul il-ħajja;
15. JISSOTTOLINJA BIL-QAWWA l-ħtieġa għall-promozzjoni, l-iżvilupp u l-użu kontinwu tal-ekonomija tad-data Ewropea, inkluż attivitajiet ta' riċerka relatati, jekk meħtieġ, permezz ta' strateġija ta' data Ewropea msaħħa, li tiggarantixxi r-rispett tal-libertà ta' intrapriża kif ukoll id-drittijiet tal-utenti u l-kreaturi, inkluż il-kwistjoni ta' aċċess għad-data mill-utenti u l-kreaturi. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw, b'rispett sħiħ tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, ir-Regolament dwar il-fluss liberu ta' data mhux personali u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku u d-Direttiva dwar id-data miftuħa, qafas koerenti Ewropew għall-kondiviżjoni sigura, interoperabbli u affidabbli tad-data, għall-promozzjoni ta' kondiviżjoni volontarja tad-data u l-użu mill-ġdid ta' ċerti settijiet ta' data li jippermettu teknoloġiji diġitali innovattivi bħall-intelliġenza artifiċjali, l-Internet tal-Oġġetti, teknoloġiji Quantum, computing ta' prestazzjoni għolja, teknoloġiji ta' reġistru distribwit (bħall-blockchain) u servizzi ta' osservazzjoni tad-Dinja. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li ssir hídma lejn qafas ta' abilitazzjoni globali għall-promozzjoni ta' kompetizzjoni ġusta bejn is-servizzi diġitali u l-moviment u l-kondiviżjoni ta' data, inkluż dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw il-flussi tad-data bejn is-swieq fi ftehimiet kummerċjali strettament f'konformità mal-qafas legali tal-UE. JISTIENEN lill-Kummissjoni tesplora modi dwar il-ftuħ u l-użu mill-ġdid ulterjuri tad-data miżmuma mis-settur privat għal interess pubbliku ġenerali, filwaqt li tirrispetta l-interessi tal-kumpaniji, bħas-sigrieti kummerċjali;

16. JIRRIKONOXXI l-importanza tat-trasparenza, tal-ġustizzja, tal-akkontabilità u tar-responsabilità fl-użu tal-algoritmi, sabiex il-pjattaformi online fl-UE kollha joperaw b'mod trasparenti u prevedibbli;
17. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-promozzjoni ulterjuri tal-iżvilupp tas-Soċjetà tal-Gigabits, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' infrastruttura diġitali ultra veloċi fissa u mobbli inkluż il-5G, pereżempju permezz tal-istabbiliment ta' sodod għall-ittestjar kif ukoll il-promozzjoni tal-użu tiegħu f'setturi differenti tal-ekonomija u tas-soċjetà, bil-għan li jkun hemm kopertura sħiħa u użu wiesa' - miċ-ċittadini u l-intrapriżi, inkluż l-SMEs - ta' networks tal-broadband ultraveloċi. JILQA' r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni adottata reċentement dwar iċ-ċibersigurtà tal-5G li tistabbilixxi għadd ta' azzjonijiet konkreti li għandhom jiġu implimentati fi żmien qasir, inkluż fir-rigward tal-valutazzjonijiet tar-riskju u SER JAHDDEM għall-implimentazzjoni tagħha. Huwa meħtieġ approċċ koordinat biex jiġi żgurat li l-UE tibqa' fuq quddiem fid-dinja fl-użu tal-5G;
18. JENFASIZZA li investimenti kkombinati u kkoordinati fil-livell tal-UE huma l-aħjar mod biex tinkiseb u tinżamm l-aqwa innovazzjoni fl-Ewropa u f'dan il-kuntest, mingħajr preġudizzju għan-negożjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur, JIRRIKONOXXI l-potenzjal tal-proposti settorjali, b'mod partikolari l-Programm Ewropa Diġitali, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-Programm Spazjali u l-pakkett Orizzont Ewropa. Programmi oħra jistgħu jiffaċilitaw skemi ta' finanzjament innovattivi, b'mod partikolari għan-negożji ġodda;

19. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li l-amministrazzjonijiet pubbliċi diġitalizzati b'mod effettiv jiżguraw aċċess aħjar għas-servizzi pubbliċi għaċ-ċittadini, l-organizzazzjonijiet u n-negozji madwar l-Ewropa. JIRRIKONOXXI WKOLL l-aspettattivi li l-gvernijiet jevolvu b'mod diġitali billi joffru servizzi pubbliċi diġitali minn tarf sa tarf li jkunu miftuħa, effiċjenti u inklużivi, mingħajr fruntieri, interoperabbli, personalizzati, faċli biex jintużaw mill-utent, affidabbli u sikuri. JENFASIZZA l-importanza ta' prinċipji bħal diġitali b'mod awtomatiku u ta' darba biss. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tevalwa l-progress miksub taħt il-Pjan ta' Azzjoni tal-Gvern elettroniku u tidentifika l-isfidi ewlenin li fadal għas-servizzi transkonfinali. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-infrastruttura diġitali Ewropea tiġi kkonsolidata u użata mill-ġdid bi standards komuni u moduli diġitali (l-hekk imsejħa Infrastrutturi ta' Servizz Diġitali (DSI), eż. CEF eDelivery, eID u fatturazzjoni elettronika). JIRRIKONOXXI li l-Portal Uniku Diġitali jikkostitwixxi inizzjattiva sinifikanti li tiżgura koerenza aħjar fis-servizzi pubbliċi diġitali Ewropej fejn l-Infrastrutturi tas-Servizzi Diġitali ser jiffurmaw bażi kritika komuni għall-implimentazzjoni b'suċċess tagħha;.
20. JAPPOĠĠA l-iżvilupp tal-Internet tal-Fiduċja, il-prevenzjoni tat-tixrid ta' diskors ta' mibegħda, ta' kontenut vjolenti u illegali fuq l-Internet u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni bħala parti integrali mill-bini ta' reżiljenza kontra t-theddid ibridu, iżda mhux limitat għalih.
-